**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Maria Micallef (ID 972950M)**

**Louise Micallef (ID 78581M)**

**Vanessa Micallef (ID 478581M)**

**Elanie Micallef (ID 494086M)**

**George Micallef (ID 321349M)**

**Vs**

**Allin One Turnkey Services Ltd (C-74480) u**

**Kawtar el Mararjii (ID 127556A)**

**Rikors nru 145/17**

Illum 15 ta' Marzu 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma propjetarji tal-fond ossija l-maisonette bl-indirizz 'Lourdes Lane', Triq Gian Nikola Buhagiar, San Gwann u tal-garaxx internament immarkat bin-numru tlieta li jinsab fil-livell

sotterrani formanti parti mill-kumpless maghruf bhala 'Lourdes Lane', Triq Gian Nicola Buhagiar, San Gwann;

2. Illi permezz ta' skrittura lokatizja datata s-27 ta' Settembru, 2016, ir-rikorrenti krew il-fond u l-garaxx imsmemmi lis-socjeta' intimata versu 1-kera mensili ta' €700 ghall-fond u €600 ghall-garaxx u dan ghal perjodu ta' sentejn (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok GM1);

3. Illi l-kera dovuta kellha tithallas permezz ta' esekuzzjoni ta' xogholijiet regolati minn skrittura t'appalt illi ggib l-istess data (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok GM2);

4. Illi s-socjeta' intimata ma wettqitx dak pattwit minnha fl-iskrittura t'appalt imsemmija u permezz ta' ittra ufficjali prezentata fis-16 ta' Dicembru, 2017 (Ittra numru 4139/2016), r-rikorrenti tterminaw il-kirja tal-fond u l-garaxx imsemmi u talbu r-restituzzjoni tac-cwievet bil- pussess vakanti (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok GM3);

5. Illi r-rikorrenti kienu kitbu wkoll lill-intimati permezz ta′ ittra bonarja tal-15 ta′ Dicembru 2016 (ara kopja annessa u mmarkatha bhala Dok GM4);

6. Illi jirrizulta wkoll illi membri tas-socjeta' intimata iffrodaw lir-rikorrenti eghxieren ta' e1uf ta' ewro li kienu mhallsa bil-quddiem u ta' dan saret kwerela mal-Pulizija Ezekuttiva (ara kopja annessa u mmarkatha bhala Dok GM5);

7. Illi bhala stat ta′ fatt r-rikorrenti hallsu s-somma ta′ €170,000 li minnha rcevew biss il-valur ta′ €100,000 xoghol u dan apparti s-somma ta′ €20,000 rapprezentanti l-valur tal-kera;

8. Illi ghaldaqstant s-socjeta' intimata irrendiet ruhha moruza fil-hlas tal-kera dovurta u dam ai termini tal-Artikolu numkru tnejn (2) tal-iskrittura lokatizja, liema artikoli jaghti l-jedd lir-rikorrenti sabiex unilateralment jitterminaw dina l-kirja;

9. Illi sa fejn jafu r-rikorrenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jissolleva skont il-ligi;

10. Illi r-rikorrenti Elaine Micallef taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jisma' u jiddeciedi din il-kawza skond is-segwenti talba attrici bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi li l-intimat huwa moruz fil-hlas ta' kera u dan peress illi 1-intimati ma baqghux jesegwixxu l-obbligi taghhom skond kuntratt ta' xoghlijiet iffirmat fis-27 ta' Settembru, 2016 u anki peress illi t-€30,000 mill-hlas dovut lill-inkwilini ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet kif imsemmija ma baqghux dovuti minhabba inadempjenza tal-intimati fir-rigward tal-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet;

3. Jiddikjara li l-kirja mertu ta' dina l-kawza giet terminata;

4. Jordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fond u l-garaxx mertu ta' dina l-kawza;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri necessarja u opportuna.

Ra li l-intimati gew debitament notifikati u li fis-seduta tal-15 ta' Frar 2018, filwaqt li r-rikorrenti cedew il-kawza fil-konfront tal-intimata Kawtar el Mararjii u s-socjeta' intimata inghatat id-dritt li tipprezenta risposta.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva stante illi l-lokazzjoni mertu tal-vertenza odjerna tiskadi fl-1 ta' Gunju 2018 hekk kif jirrizulta mill-ftehim lokatizju ipprezentat mir-rikorrenti stess.

2. Illi l-esponenti tiddikjara illi hija ser tivvaka mill-fond proprjeta' tar-rikorrenti nhar l-1 ta' Gunju 2018 ai termini tal-istess ftehim.

3. Illi fi kwalunkwe kaz il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi x-xoghol u l-materjal ikkonsenjat mill-intimata lir-rikorrenti jissupera l-valur miftiehem u ghalhekk hija l-intimata li hija kreditrici tar-rikorrenti.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrileva illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti jridu jressqu prova cara u indipendenti sabiex jissostanzjaw il-pretensjonijiet taghhom.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif tippermetti l-ligi.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Illi originirjament dawn il-proceduri gew inizjati fil-konfront ta' zewg intimat. Biss pero' fl-ewwel seduta quddiem dan il-Bord fil-15 ta' Frar 2018 ir-rikorrenti cedew il-kawza fil-konfront ta' Kawtar El Marajii. Ghalhekk il-Bord se jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront tal-istess intimata.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2018 il-partijiet infurmaw lill-Bord li huma waslu fi ftehim b'dan illi Dr Mark Vassallo ghar-rikorrenti ddikjara li kien qieghed jirtira t-tieni talba fir-rikors promotur bil-kundizzjoni li l-kontro-parti tiddikjara li mhux se tappella mis-sentenza eventwali.

Dr Matthew Bondin ghas-socjeta' intimata ddikjara li l-Bord jista' jghaddi ghas-sentenza u jordna l-izgumbrament tal-istess socjeta' intimata bit-terminu jkun sal-1 ta' Gunju 2018 u jiddikjara inoltre' li minn tali sentenza mhux se jitressaq appell.

Il-partijiet qablu wkoll li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet u inoltre' talbu lill-Bord sabiex tali ftehim jigi rifless f'sentenza.

L-atti gew ceduti fil-konfront ta' Kawtar el Mararjii u ghalhekk il-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-process fil-konfront taghha,

jastjeni wkoll milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni talbiet tar-rikorrenti, u fid-dawl tal-ftehim milhuq, qed jilqa' t-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrent u qieghed jordna lis-socjeta intimata sabiex tizgombra mill-fond mertu tal-kawza odjerna sal-1 ta' Gunju 2018 b'dan li tali terminu huwa wiehed perentorju.

L-Ispejjez bla taxxa bejn il-patijiet.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**